**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 14 ta` Dicembru 2017**

**Kawza Nru. 19**
**Rikors Gur. Nru. 1029/17 JZM**

**Giovanni Fenech**

***kontra***

**Brian Hili**

**Il-Qorti :**

**A. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat fit-13 ta` Novembru 2017 **bil-procediment sommarju specjali** li jaqra hekk:–

*1. Illi l-attur silef lill-konvenut, accettanti, is-somma ta` hamsa u tletin elf Ewro (€35,000) u dan brevi manu.*

*2. Illi l-konvenut irrikonoxxa dan id-dejn anke f`att pubbliku ricevut min-Nutar Pubbliku Rachel Mallia fit-tlieta u ghoxrin (23) ta` Marzu*

*tas-sena elfejn u sbatax (2017), u permezz ta` liema att il-konvenut infired minn ma` martu, bint l-attur.*

*3. Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas lura s-self moghti lilu mill-attur, baqa` dejjem inadempjenti.*

*4. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut.*

*5. Illi sa fejn jaf l-attur, il-konvenut m`ghandux eccezzjonijiet x`jaghti kontra t-talbiet tieghu.*

*6. Illi l-attur jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.*

*Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(1) tilqa` t-talbiet tieghu bid-dispensa tas-smigh billi jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega mill-Artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*(2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta` hamsa u tletin elf Ewro (€35,000).*

*u dan prevja kull provvediment iehor li lilha jkun jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta` l-ittra ufficcjali bin-numru 244/2017 u tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju mressaq kontestwalment, u bl-imghax legali dekorribbli mill-hamsa u ghoxrin (25) ta` Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Novembru 2017 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-lum.

Rat illi l- konvenut kien debitament notifikat skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12.

**Billi fil-fehma tal-Qorti l-konvenut m`ghandux eccezzjonijiet prima facie x`jaghti fil-ligi jew fil-fatt kontra t-talba attrici, qieghda taqta` u tiddeciedi l-kawza billi tilqa` t-talbiet kollha tal-attur kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-konvenut, u bl-imghax kif mitlub.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**